MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum id-29 ta' Settembru, 2022

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1197/2022/1 LM

**Tal-Ibraġġ Owners Association**
**u l-Perit Joseph Cachia Fearne (K.I. 253761M)**

***vs.***

**Halland Developments Company Limited**

**Il-Qorti**,

1. Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Tal-Ibraġġ Owners Association** u **l-Perit Joseph Cachia Fearne (K.I. 253761M)**, (minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'), li ġie ppreżentat fit-12 ta' Settembru, 2022, li jgħid:

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimat milli hija stess jew tramite terzi mqabbdin minnha – tkompli tħaffer, tibni, tiżviluppa, jew b'xi mod ieħor twettaq xi xogħlijiet fis-sit f'Tal-Ibraġġ, ex-Halland Hotel, Triq tal-Ibraġġ, Ibraġġ, Swieqi, Malta skont il-permessi PA/02749/16 u/jew PA/06961/20 u/jew*

*kwalunkwe permess ieħor u dan sakemm il-mertu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti jista' jiġi deċiż mill-Qorti f'kawża appożita.*

*Din il-Qorti hija wkoll umilment mitluba illi tilqa' dan il-mandat proviżorjament.*

*Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom.*

*Illi l-esponenti 'Tal-Ibraġġ Owners Association' hija assoċjazzjoni li tieħu ħsieb, tamministra u tirrappreżenta l-interessi tas-sidien u residenti tal-kumpless Tal-Ibraġġ Complex, filwaqt illi l-Perit Cachia Fearne huwa wkoll residenti fl-istess akkwati.*

*Illi l-kumpannija intimata jidher illi hija l-proprjetarja ta' dik li darba kienet il-Halland Hotel u ottjeniet żewġ permessi ta' żvilupp ("full development permission") mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp tas-sit imsemmi senjatament:*

*PA/02749/16: li jġib id-deskrizzjoni* it is proposed to demolish existing hotel, excavate the rock to accomodate parking levels and to erect a high-quality residential complex and landscaping of adjoining land. (Dok. IB1) *PA/06961/20: li jġib id-deskrizzjoni* Proposed Internal and External amendments to approved PA/02749/16, including a reconfiguration, the deduction of 3 residential units (new total 68) and the addition of 3 car spaces (new total 135) from the previously approved. (Dok. IB2)

*Illi l-assoċjazzjoni rikorrenti, flimkien ma' appellant ieħor, il-Perit Joseph Cachia Fearne, u f'wieħed mill-appelli, il-Kunsill Lokali tas-Swieqi, ressqu appelli mill-għoti taż-żewġ permessi, li t-tnejn li huma għadhom sallum pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (PAB/064/19 u PAB/055/22 rispettivament).*

*Illi l-appelli jirrigwardjaw diversi aggravji, kemm ta' natura prettament proċedurali, kif ukoll ta' natura sostantiva, illi l-esponenti jsostnu jiġġustifikaw it-tħassir tad-deċiżjoni tal-għoti tal-permess. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-ksur lampanti ta' liġijiet u regolamenti applikabbli, it-tqegħid f'periklu permanenti u bla bżonn tas-saħħa pubblika, partikolarment dik tar-residenzi tal-madwar u tar-residenti tagħhom, kif ukoll il-biżgħa ta' ħsara permanenti ambjentali tal-pajsaġġ protett jekk il-proġett maħsub jitwetttaq.*

*Illi fiż-żewġ każijiet, l-esponenti ressqu kontestwalment rikors sabiex jitolbu lit-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permessi sakemm jintqatgħu l-imsemmija appelli, u dan għar-raġuni ovvja illi jekk sadattant jilħqu jsiru xi xogħlijet, anki f'każ li l-appelli eventwalment jintlaqgħu, kien se jkun prattikament impossibbli li wieħed ireġġa' lura x-xogħlijiet li ser ikunu laħqu saru, minħabba li huma ta' natura permanenti.*

*Illi l-EPRT iddeċieda illi minkejja dan, ma jilqax it-talba, b'dan illi l-intimata bħalissa għandha l-jedd illi tattwa l-permessi in kwistjoni, u dan minkejja li jistgħu eventwalment jispiċċaw revokati jekk l-appell jintlaqa'. (digrieti annessi bħala* ***Dok. IB3*** *u* ***Dok. IB4*** *rispettivament)*

*Illi kemm hu hekk, dan huwa eżattament dak li qiegħda tagħmel is-soċjetà intimata, b'dan illi b'ritmi mgħaġġlin ħafna qiegħda twettaq xogħlijiet konsistenti inter alia fi tqattiegħ ta' blat fil-wied, inkluż f'parti mill-wied li hija proprjetà tal-Gvern u barra ż-żona tal-iżvilupp, mili bil-konkos u tqegħid ta' pedamenti u xogħol ieħor ta' natura permanenti illi fil-verità jfisser li s-sit qatt u qatt ma jista' jitreġġa' lura għal kif kien qabel jekk l-appelli jintlaqgħu. (ritratti tal-iżvilupp preżenti annessi bħala faxxikolu* ***Dok. IB5****).*

*Illi l-esponenti huma konxji mill-fatt illi l-aggravji tal-appell tagħhom qed jiġu kunsidrati mit-Tribunal u li tali proċedura għandha ssegwi l-kors tagħha. Madanakollu l-esponenti jissottomettu illi, ikun x'ikun l-eżitu ta' dak l-appell, u anke jekk,* dato ma non concesso, *jiġi finalment deċiż (kemm jekk mill-EPRT, kif ukoll, eventwalment, mill-Qorti tal-Appell) illi l-permessi għandhom jiġu konfermati),* ***xorta waħda jeżistu raġunijiet għat-tħassir ta' tali permessi*** *liema raġunijiet sejrin jiġu spjegati f'dan ir-rikors, u eventwalment, jekk il-mandat jintlaqa', ser jitressqu fi proċeduri appożiti* ***<u>quddiem il-Qrati ordinarji, distinti għal kollox mill-appelli li preżentement qed jinstemgħu mill-EPRT.</u>***

*Illi f'dan ir-rigward, l-assoċjazzjoni esponenti tagħmel referenza għall-fatt illi fiż-żewġ permessi hemm imniżżla s-segwenti kundizzjoni, li hija kundizzjoni standard fil-permessi, li tgħid kif ġej:*

**If the declaration of ownership, as contained in the application form, is determined as incorrect by a Court of Law, then the said Court of Law can declare this development permission as null and void.** This development permission does not remove or replace the need to obtain the consent of the land/building owner to agree to this development before it is carried out. Furthermore, it does not imply that consent will necessarily be forthcoming nor does it bind the land/building owner to agree to this development. Where the land/building is owned/administered by the Government of Malta a specific clearance and agreement must be obtained for this development from the Land and/or Estate Management Departments. [emfasi miżjuda]

*Illi l-assoċjazzjoni esponenti ssostni illi l-intimata aġixxiet bi ksur ta' din il-kundizzjoni, fis-sens illi l-iżvilupp li qed tipproponi (u ġa bdiet qed twettaq!) huwa, in parte, fuq art pubblika u mhux fuq art tagħha, b'dan però illi* ***<u>dan il-fatt ma ġiex indikat fuq l-</u>***

***applikazzjoni***, *minkejja li l-intimata kienet ben konxja ta' dan il-fatt, partikolarment meta ssottomettiet it-tieni applikazzjoni tagħha (PA/06961/20) (dikjarazzjonijiet annessi mal-applikazzjonijiet Dok.* ***IB 6*** *u* ***IB7).***

*Illi għall-kuntrarju, fil-pjanti kollha mressqa mal-applikazzjonijiet imsemmija, id-*Development Zone Line *u* Client Site Ownership *jinkorporaw art illi mhijiex tas-soċjetà intimata u, li tirriżulta illi hija art pubblika. Kemm hu hekk, id-Development Zone Line uffiċjali stabbilit fl-iskemi tal-iżvilupp in vigore, u ċioe TPS (1988) Map 26, ġiet imċaqalqa fil-pjanti sottomessi, sabiex tali art pubblika ma tibqax barra ż-żona ta' żvilupp (i.e.* green area*).*

*Illi dan is-serq ta' art pubblika beda meta waqt il-bini tal-Halland Hotel il-ħitan ta' konfini tal-hotel ma nbnewx fuq il-konfini reali tal-art, ċioe fuq fejn kienu l-ħbula tal-għalqa oriġinali, iżda f'xi bnadi nbnew ferm aktar 'il barra, u wara komplew jestendu 'l barra b'dan illi ħadu aktar art pubblika.*

*L-art illi fuqha l-iżviluppatur għandu jedd tikkonsisti fil-verità f'għalqa (li kienet magħrufa b'isem partikolari) illi tirriżulta kjarament demarkata fid-dokumenti li ġejjin:*

*(i) Survey sheets tal-1958; (dok.* ***IB8)***

*(ii) Il-pjanta annessa mal-kuntratt ta' trasferiment tal-għalqa msemmija mill-predeċessuri fit-titolu tal-intimata (Dok.* ***IB9)***

*(iii) Aerial photograph meħud fl-1958; (Dok.* ***IB10)***

*(iv) Ċertifikati ta' titolu maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet GLA20/2020/662 sa 664. (Dok.* ***IB11, 12 u 13)***

*Fil-pjanti annessi mal-applikazzjoni hemm inkluża art – li l-applikanta tiddikjara bħala tagħha – li ċertament mhijiex, senjatament:*

*(i) Parti minn sqaq pubbliku rurali li jirriżulta miċ-ċertifikat ta' titolu GLA20/2020/663;*

*(ii) Wesgħa sostanzjali ta' art li tagħti għal fuq il-wied, illi hija wkoll art pubblika u tinsab bejn l-art li tassew tappartjeni lill-intimata u l-passaġġ rurali msemmi (ara ritratt* ***Dok. IB14*** *u GLA20/2020/662). Din tinkludi wesgħa art fil-kantuniera bejn il-passaġġ rurali u Triq tal-Ibraġġ, b'faċċata ta' xi tmien metri fuq Triq tal-Ibraġġ (ritratti annessi bħala faxxikolu* ***Dok. IB15).***

*B'żieda ma' dan, l-iżvilupp propost sottilment jinkorpora wesgħa oħra ta' art, ukoll sostanzjali u pubblika, li tinsab faċċata tal-art li l-intimata għandha u li qiegħda n-naħa l-oħra tal-imsemmi sqaq rurali pubbliku li tagħmel parti mill-wied protett fl-*

*ogħla livell u tinkludi wkoll wiċċ tal-blat mhux mimsus u xagħri (garigue) – ara GLA20/2020/662.*

*Jidher ċar illi l-intimata qiegħda tipprova tinkorpora (u fl-applikazzjoni inkorporat) bċejjeċ ta' art sostanzjali illi, kif ċertifikati mill-Awtorità tal-Artijiet, huma proprjetà pubblika. Dan jista' jiġi determinat billi jqabbel il-pjanti oriġinali, ma' dak attwalment sottomess lill-Awtorità fl-applikazzjonijiet imsemmija.*

*L-esponenti, kemm fid-dawl tal-interess li għandha bħala* objector *għall-permessi msemmija kif ukoll fid-dawl tal-fatt li qed nitkellmu minn użurpazzjoni ta' art pubblika, għandha l-jedd illi tintavola proċeduri sabiex tikkonferma u ġġib prova tal-fatti fuq dikjarati u konsegwentement titlob illi l-permessi jiġu dikjarati nulli u bla effett ("*null and void"*) kif del resto indikat fil-kundizzjonijiet tal-permessi stess.*

*Illi madanakollu, għar-raġunijiet ġa aċċennati qabel, proċeduri bħal dawn jisfumaw fix-xejn u ma jistgħu qatt iġibu ġustizzja jekk, fil-frattemp, is-soċjetà intimata titħalla tagħmel xogħlijiet illi huma rriversibbli u li jilħqu jagħmlu l-ħsara illi ġiet deskritta aktar kmieni. Ikun tassew ironiku jekk, eventwalment l-esponenti jirnexxu fil-proċeduri mibdija minnhom, biex imbagħad l-intimata titħalla li tgawdi l-proġett għax "ormai inbena".*

*Illi huwa għalhekk illi l-esponenti qed jitolbu wkoll* ***illi dan il-mandat jiġi milqugħ proviżorjament.***

*Illi l-esponenti se jiġu ppreġudikati jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jibda jew ikompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

2. Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2022, fejn laqgħet il-Mandat provviżorjament, u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

3. Rat illi s-soċjetà intimata **Halland Developments Company Limited (C 46810)** ġiet notifikata bir-Rikors fit-12 ta' Settembru, 2022, u ppreżentat is-segwenti risposta fid-19 ta' Settembru, 2022:

*"1. Illi in forza ta' rikors intavolat nhar it-12 ta' Settembru, 2022, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lis-soċjetà intimata milli hija stess jew tramite terzi mqabbdin minnha tkompli tħaffer, tibni, tiżviluppa jew b'xi mod ieħor twettaq xi xogħlijiet fis-sit f'Tal-Ibraġġ, ex Halland Hotel, Triq tal-Ibraġġ, Ibraġġ Swieqi skont il-permess PA/02479/16 u/jew PA/06961/20 u/jew kwalunkwe permess ieħor u dan sakemm il-mertu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti jista' jiġi deċiż mill-Qorti f'kawża appożita;*

*2. Illi kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana, il-proċedura bil-mandat ta' inibizzjoni hija waħda ta' natura eċċezzjonali u l-Qorti ma għandhiex takkorda dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta illi jikkonkorru s-segwenti tliet elementi* ***kumulattivament*** *u ċioe:*

*i. Illi r-rikorrenza ta' xi fatt illi l-esponenti qiegħda tagħmel li tista' tkun ta' ħsara jew molestja lir-rikorrenti;*
*ii. Illi jkun jidher 'prima facie' li r-rikorrenti għandhom id-dritt li jimpedixxu lis-soċjetà esponenti li tagħmel dik il-ħaġa li biha tista' tikkawżalhom ħsara jew molestja; u*
*iii. Illi fl-aħħarnett li l-mandat ikun neċessarju biex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrenti.*

*3. Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda għas-segwenti raġunijiet.*

*4. Illi qabel xejn jiġu rilevati s-segwenti fatti:*

*(i) Illi s-soċjetà esponenti hija sid tas-sit kollu li fuqha kienet oriġinarjament mibnija l-lukanda Halland Hotel, ġewwa Ibraġġ Swieqi;*
*(ii) Illi in forza ta' deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru, 2018, l-esponenti ngħatat permess (PA/02479/16) sabiex twaqqa' u tiżviluppa fuq l-istess sit tal-Halland Hotel kumpless ta' garaxxijiet u appartamenti;*
*(iii) Illi r-rikorrenti appellaw id-deċiżjoni tal-Awtorità permezz ta' proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u dan ai termini tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*(iv) Illi kontestwalment mal-intavolar tal-appell imsemmi, ir-rikorrenti talbu lill-istess Tribunal jissospendi l-eżekuzzjoni tal-imsemmi permess u dan ai termini tal-Artikolu 33 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda ai termini ta' sentenza parzjali tat-18 ta' Marzu, 2019;*
*(v) Illi l-appell de quo għadu pendenti sallum quddiem it-Tribunal u jinsab fl-istadju li l-applikant/Awtorità jibdew il-ġbir tal-provi tagħhom u dan wara li r-rikorrenti damu aktar minn tliet (3) snin iressqu l-provi tagħhom, u proprju*

*wara li għalqu l-provi tagħhom, iddeċidew illi joġġezzjonaw għall-kompożizzjoni tat-Tribunal bir-riżultat li l-każ kellu jiġi assessjat quddiem it-Tribunal diversament kompost, u b'hekk jittawwal aktar il-proċess;*

*(vi) Illi nhar it-8 ta' April, 2019 (Dok. Ċ), l-esponenti intavolaw mal-Awtorità d-debita avviż tal-bidu tax-xogħlijiet fuq is-sit, u dan ai termini tal-liġi, u x-xogħlijiet issoktaw immedjatament wara bit-twaqqiegħ tal-lukanda, u t-tħaffir tal-blat skont il-permess de quo;*

*(vii) Illi waqt l-imsemmija xogħlijiet l-esponenti talbu varjazzjoni għall-permess ta' żvilupp PA/02479/16, liema varjazzjoni ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar in forza ta' deċiżjoni datata 16 ta' Diċembru, 2021 (PA/06961/20);*

*(viii) Illi r-rikorrenti appellaw id-deċiżjoni tal-Awtorità in konnessjoni mal-permess PA/06961/20 u dan permezz ta' proċeduri oħra quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;*

*(ix) Illi kontestwalment mal-intavolar tal-appell imsemmi, ir-rikorrenti reġgħu talbu lill-istess Tribunal jissospendi l-eżekuzzjoni tal-imsemmi permess u dan ai termini tal-Artikolu 33 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet ukoll miċħuda ai termini ta' sentenza parzjali tas-17 ta' Marzu, 2022;*

*(x) Illi dan l-appell għadu pendenti quddiem it-Tribunal u jinsab fi stadju bikri ħafna;*

*(xi) Illi l-andament tax-xogħlijiet fuq is-sit ilu kostanti sa minn April 2019 tant illi l-iskavar kollu tlesta diversi xhur ilu; il-maġġoranza tal-pedamenti ġew kompletati, u saħansitra qed isiru preparamenti sabiex parti mill-*basement *jissaqqaf.*

5. *Illi qabel xejn jiġi rilevat illi huwa manifestement ċar illi l-iskop tal-Mandat odjern m'huwa xejn għajr tentattiv tar-rikorrenti sabiex iduru maż-żewġ deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li permezz tagħhom ġew miċħuda t-talbiet tar-rikorrenti sabiex jiġu sospiżi l-eżekuzzjoni tal-permessi tal-iżvilupp de quo.*

6. *Illi permezz tal-Kap. 551 il-leġislatur mhux biss ħoloq tribunali speċjali sabiex jisma' u jiddeċiedi fuq materji in konnessjoni ma' permessi ta' żvilupp talli pprovda proċedura kawtelatorja speċjali, li tixbaħ lil dik tal-mandat ta' inibizzjoni kontemplat fil-kodiċi ta' proċedura ċivili, għas-sospensjoni tal-permessi liema proċedura hija intiża li toħloq bilanċ bejn id-dritt ta' min ikun qed joġġezzjona għall-iżvilupp u d-dritt tal-iżviluppatur. L-artikolu 33 tal-imsemmi Kap. 551 tabilħaqq jikkontempla proċedura li permezz tagħha persuna li qed toġġezzjona għal żvilupp tista' titlob għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess, liema talba għas-sospensjoni tista' tintlaqa' biss f'każ li jiġu sodisfatti elementi speċifiċi ossija:*

*(i) Li jiġi pprovat li jekk il-permess ma jiġix sospiż il-preġudizzju kkawżat huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-preġudizzju li jista' jiġi kkawżat jekk il-permess jiġi sospiż is-sospensjoni; u*

*(ii) L-iżvilupp ma jistax jiġi faċilment imneħħi jew imqiegħed lura fl-istat li kien qabel dak l-iżvilupp.*

7. *Illi kif ġja ngħad it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, għal darbtejn iddeċieda li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw l-eżistenza tal-elementi meħtieġa sabiex tintlaqa' t-talba tagħhom għas-sospensjoni tal-permessi. Saħansitra t-Tribunal bl-aktar mod dirett skarta għal kollox l-argument tar-rikorrenti dwar l-irrimedjabbilità li tiġi kkawżata jekk il-permessi ma jiġux sospiżi, tant li t-Tribunal stqarr li ċaħda tat-talba għas-sospensjoni bl-ebda mod ma tikkawża ħsara irriversibbli kif allegat mir-rikorrenti.*

8. *Illi dak li qed jippruvaw jittentaw jagħmlu r-rikorrenti huwa li jipprovaw jużufruwixxu mill-proċedura ġenerali tal-Mandat ta' Inibizzjoni minkejja li ġia eżawrew ir-rimedji kollha kawtelatorji li tagħtihom il-liġi speċjali, u dan minkejja li għan tal-leġislatur kien dak li l-materja tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permessi ta' żvilupp tiġi regolata permezz tal-liġi speċjali;*

9. *Illi r-rikorrenti bħal donnhom jiġġustifikaw it-talba tagħhom għal ħruġ tal-Mandat odjern fuq il-bażi li l-Mandat mhux abbinat mal-proċeduri ta' appell pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u Ippjanar iżda ma' allegat jedd li qed jippretendu li għandhom ir-rikorrenti in konnessjoni ma' allegata dikjarazzjoni falza magħmula mill-esponenti in konnessjoni mat-titolu tas-sit mertu tal-permessi de quo, liema pretensjoni r-rikorrenti qegħdin jiddikjaraw li ser iressqu permezz ta' proċeduri separati u distinti mill-appelli msemmija.*

10. *Illi b'kull rispett dan huwa biss tidwir tal-kliem u tentattiv imġebbed sabiex ir-rikorrenti jikkreaw opportunità oħra li jitolbu sospensjoni tal-permess minkejja li dan ġja ġie definittivament deċiża mit-Tribunal kompetenti. F'dan ir-rigward tajjeb li jiġi osservat illi l-allegeta pretensjoni in konnessjoni mad-*Declaration of Ownership *tas-sit mertu tal-permess tifforma parti mill-mertu u l-aggravji mressqa mir-rikorrenti fl-appelli tagħhom pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Illi huwa għalhekk evidenti illi l-allegat jedd illi r-rikorrenti qed jipprovaw jikkawtelaw permezz ta' dan il-Mandat fil-fatt mhuwiex distint u separat minn dak mertu tal-proċeduri ġia pendenti quddiem it-Tribunal kif allegat. Illi fil-fatt l-uniku dritt li għandhom ir-rikorrenti sabiex*

*jattakkaw il-permess de quo huwa regolat esklussivament mill-imsemmi Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta;*

11. *Illi fi kwalunkwe każ, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' permess fi kwistjonijiet ta' ippjanar huma regolati esklussivament in forza tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk irrispettivament mill-jedd li r-rikorrenti jistgħu talvolta jallegaw li għandhom fir-rigward tal-permess de quo, huma jistgħu jitolbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess biss fiċ-ċirkostanzi u skont il-modalità kontemplata ai termini tal-imsemmi Kap. 551, u għalhekk l-użu tal-proċedura tal-Mandat odjern huwa legalment improponibbli u m'għandux jiġi ammess.*

12. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi osservat illi huwa nieqes għal kollox l-eżistenza tal-element essenzjali ossija l-eżistenza anke fuq livell prima facie, ta' xi jedd tar-rikorrenti li jeħtieġ li jiġi kkawtelat. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Irid ikun jedd biex jimmerita ħarsien. Il-jedd irid jidher prima facie jew ma jidher xejn – f'dan l-istadju m'għandux jiddependi mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant.*

13. *Illi kif ammessi mir-rikorrenti stess fir-rikors odjern, l-interess tagħhom fir-rigward tal-permessi de quo huwa dak ta'* 'objectors'. *Illi d-dritt tar-rikorrenti qua persuni interessati li jattakkaw il-permessi de quo jitwieled u huwa regolat proprju mill-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta liema dritt tabilħaqq ġie eżerċitat mir-rikorrenti permezz tal-appelli intavolati minnhom li jinsabu pendenti quddiem it-Tirbunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u Ippjanar. Illi ma jeżisti l-ebda dritt ieħor kompetenti lir-rikorrenti għajr dak kontemplat fil-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta;*

14. *Illi l-kundizzjoni standard inkluża fiż-żewġ permessi tal-esponenti u li ssir referenza għaliha mir-rikorrenti fir-rikors odjern ma jikkonferixxi l-ebda dritt favur ir-rikorrenti;*

15. *Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li permess ta' żvilupp jikkreja relazzjoni bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-applikant/*permit holder *u ma jikkonferixxi l-ebda drittijiet jew obbligi favur terzi persuni. Illi għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħu bl-ebda mod jistrieħu fuq il-kundizzjonijiet li jorbtu l-esponenti u l-Awtorità naxxenti mill-permessi maħruġa favur l-esponenti sabiex jiġġustifikaw l-eżistenza ta' xi dritt li jista' jiġi kkawtelat bil-mandat odjern;*

16. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost,* dato ma non concesso *li l-kundizzjoni stipulata fil-permessi relatat mad-"*Declaration of Ownership" *jikkonferixxi xi*

*dritt favur terzi, dan id-dritt jispetta lil min jivvanta xi dritt ta' proprjetà fuq is-sit mertu tal-permess u mhux kwalunkwe persuna oħra. Illi r-rikorrenti fir-rikors odjern qegħdin jammettu u jistipulaw ċarament illi dik il-parti tas-sit li l-esponenti allegatament m'għandhomx titolu fuqha minkejja d-dikjarazzjoni magħmula mill-esponenti mhijiex proprjetà tar-rikorrenti iżda semmai proprjetà tal-Gvern ta' Malta. Illi għalhekk jekk il-kundizzjoni fuq imsemmija tagħti xi dritt favur terzi, f'dan il-każ tali dritt jista' jiġi eżerċitat mill-Gvern ta' Malta u mhux ir-rikorrenti.*

17. *Illi għalhekk jirriżulta manifestement illi r-rikorrenti m'għandhom l-ebda dritt fuq bażi prima facie x'jikkawtelaw permezz tat-talba li huma qed jagħmlu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni odjern.*

18. *Illi tajjeb li jingħad li minkejja dak allegat mir-rikorrenti, il-Gvern ta' Malta m'hu qed jivvanta l-ebda dritt ta' proprjetà fuq kwalunkwe parti mis-sit mertu tal-permessi de quo. Dan jirriżulta ċar mid-dikjarazzjoni magħmula mir-rappreżentanti tal-Awtorità tal-Artijiet fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u Ippjanar fl-appell Nru. 0065/19 in konnessjoni mal-permess PA2479/16, liema dikjarazzjoni qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.*

19. *Illi għall-korrettezza tal-fatti jiġi dikjarat illi* ***s-sit mertu tal-permessi huwa tabilħaqq proprjetà tas-soċjetà esponenti*** *u huwa l-istess sit li fuqu kienet mibnija l-lukanda Halland Hotel. Fil-fatt dan ukoll jirriżulta minn eżerċizzju/survey ikkummissjonat mill-istess Awtorità tal-Artijiet, kif konfermat fid-dikjarazzjoni annessa u mmarkata Dok. A, minn liema eżerċizzju jirriżulta li l-*foot print *tal-*boundary wall *tal-Halland Hotel u l-*footprint *tas-sit mertu tal-applikazzjoni PA2479/16 huma l-istess. Illi għalhekk ma ġiet użurpata l-ebda art ġdida mill-esponenti. F'dan ir-rigward tajjeb ukoll li ssir referenza għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion tal-4 ta' Ġunju, 2009 li permezz tiegħu s-soċjetà aventi kawża tas-soċjetà esponenti akkwistat is-*sub-directum dominium perpetuum *tas-sit mertu tal-permess, fejn jirriżulta mid-deskrizzjoni tas-sit illi l-art in kwistjoni u mertu tal-permess proprju testendi għall-passaġġ rurali li jagħti għal fuq il-Wied (Dok. B)*

20. *Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, sija l-bini tal-Halland Hotel li kien jeżisti fuq is-sit qabel ma dan twaqqa' in segwitu tal-ħruġ tal-permessi attakkati mir-rikorrenti, kif ukoll il-bini approvat in forza tal-permessi de quo jaqgħu fil-limiti tal-linja ta' żvilupp indikat fin-North Harbour Local Plan partikolarment il-Mappa SW2. Kwalunkwe referenza magħmula mir-rikorrenti għall-konfini ta' żvilupp riżultanti mit-Temporary Provision Schemes – TPS1988*

*huwa għal kollox irrelevanti u qarrieqi in kwantu dawn l-iskemi ġew* superseded *mil-limiti ta’ żvilupp inklużi fil-Pjanijiet Lokali.*

21. *Illi għalhekk il-fatt lamentat mir-rikorrenti u li allegatament qed jippreġudika xi dritt tar-rikorrenti, lanqas biss jissussisti.*

22. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti tikkontendi wkoll illi f’dan il-każ huwa nieqes ukoll l-element tal-ħtieġa ta’ dan il-Mandat sabiex jitħares l-allegat jedd pretiż mir-rikorrenti.*

23. *Illi tajjeb li wieħed jinnota illi hija tassew stramba illi minkejja l-fatt li r-rikorrenti qed jallegaw li l-fatti konstestati jista’ jippreġudika l-eżistenza ta’ xi jedd pretiż minnhom, huma stennew diversi snin u xhur, u saħansitra ħallew sakemm l-iskavar kollu tas-sit tlesta u li x-xogħol tal-bini qabad ritmu mgħaġġel sabiex intavolaw dan il-Mandat. Kif qalet din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta:*

 “Fi kliem aktar sempliċi, meta persuna jidhrilha li għandha taġixxi għax jidhrilha li għandha jedd, għandha tagħmel dan fil-pront mhux tħalli l-iskavar jitlesta kollu – saħansitra fl-art kontestata – segwit mill-bini sal-livell li jidher fir-ritratti.” (*fn. 1 Mandat ta’ Inibizzjoni Nru. 1896/2016JZM fl-ismijiet* ***Compleet IS Services Limited (C-23032) vs Rosendaal Trading Limited*** *deċiża 24 ta’ Jannar, 2017)*

24. *Illi l-fatt li r-rikorrenti ħallew daqstant żmien sabiex jintavolaw dan il-Mandat hija evidenza ċara li dan il-Mandat mhuwa bl-ebda mod meħtieġ sabiex jitħares dan il-jedd minnhom pretiż.*

25. *Illi kif ġja ngħad is-sit kollu mertu tal-permessi diġà ġie skavat kollu u diġà beda jinbena. Dan il-Mandat bl-ebda mod ser jikkonserva l-istat tas-sit qabel ma nbdew ix-xogħlijiet u dan stante illi kif ingħad ix-xogħlijiet ilhom għaddejjin għal diversi snin u xhur. Irid jingħad ukoll illi qabel ma nbdew ix-xogħlijiet, is-sit kollu ma kinitx art verġni iżda art li kienet* committed *u li fuqha kienet mibnija lukanda bil-faċilitajiet tagħha.*

26. *Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti l-iżvilupp mertu tal-permessi de quo huwa wieħed riversibbli fis-sens li jekk ikun meħtieġ is-sit jew partijiet minnu jistgħu jiġu ripristinati għall-istat li kienu qabel l-iżvilupp. Dan fil-fatt ġia ġie kkunsidrat darbtejn mit-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, meta dan ċaħad it-talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permessi mressqa mir-rikorrenti stess kif ingħad aktar kmieni f’din l-istess proposta. B’hekk ma hemm l-ebda riskju illi jista’ jintilef u/jew jiġi preġudikat xi dritt tar-rikorrenti jekk ma jinħariġx il-mandat odjern.*

27. *Illi għalhekk għandu jirriżulta illi r-rikorrenti ma rnexxielhomx jipprovaw illi mingħajr il-ħruġ ta' dan il-Mandat huma ser isofru preġudizzju irrimedjabbli u konsegwentement ir-rikorrenti naqsu milli jipprovaw dak il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar għall-ħruġ ta' dan il-Mandat.*

28. *Għaldaqstant, kunsidrat illi huma t-tliet elementi fuq imsemmija jridu jissussistu kumulattivament u mhux alternattivament, b'dana li jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax pruvat, ma jistax jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni, u kunsidrat li fl-umli fehma tal-esponenti t-tliet elementi neċessarji għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jikkonkorrux fil-każ odjern, it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat fil-konfront tal-esponenti għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

4. Flimkien mar-rikors promutur, ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll kopja tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru ta' referenza PA/02479/16[1], kif ukoll kopja tal-permess PA/06961/20.[2] Ġiet esebita wkoll kopja tad-deċiżjoni preliminari tat-18 ta' Marzu, 2019 mogħtija mill-EPRT fl-ismijiet **Kunsill Lokali Swieqi, Kunsill Lokali San Ġwann, Perit Joe Cachia Fearne u Simon Casolani għan-nom u rappreżentanza ta' Tal-Ibraġġ Complex Association kontra l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Raymond Fenech għan-nom u in rappreżentanza ta' Halland Development Company Limited**[3], u kopja tad-deċiżjoni preliminari mogħtija mill-istess Tribunal fis-17 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet **Tal-Ibraġġ Complex Association et kontra l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Halland Developments Company Limited**[4], fejn it-Tribunal ikkonkluda illi,

*"Illi wara li dan it-Tribunal eżamina t-talba għas-sospensjoni u r-raġunijiet mogħtija mill-appellanti, dan it-Tribunal jinnota li dawn ma jistgħux jitqiesu bħala bażi ta' xi*

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.
[2] *A fol.* 11 tal-proċess.
[3] *A fol.* 15 tal-proċess.
[4] *A fol.* 22 tal-proċess.

*forma ta' ħsara sproporzjonata jew li jekk tali xogħlijiet ma jiġux sospiżi dawn ser ikunu ta' preġudizzju, u dan tenut kont tal-fatt ukoll li l-permess tal-iżvilupp joħroġ b'salvagwardji għall-ħarsien tad-drittijiet ta' terzi. Għaldaqstant, mhux eskluż illi l-appellanti għandhom rimedji oħra quddiem il-Qrati Ċivili sabiex iressqu l-pretensjonijiet tagħhom.*

*Għaldaqstant, ikkunsidrat dan kollu, dan it-Tribunal jiċħad it-talba għas-sospensjoni tal-permess in mertu u jordna li l-Appell jitkompla fuq il-mertu."*

5. Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll ritratti li juru l-iżvilupp in kwistjoni f'liema stadju wasal attwalment[5], *survey sheets* tal-1958 li juru l-konfini tal-art kif kienet fil-passat[6], kopja tal-pjanta annessa mal-kuntratt ta' trasferiment tal-għalqa, li tissemma mill-predeċessuri fit-titolu tal-intimata[7], *aerial photograph* meħud fl-1958[8], u kopji taċ-ċertifikati tat-titolu maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet.[9]

6. Is-soċjetà intimata min-naħa tagħha ppreżentat nota b'għadd ta' risposti li ngħataw minn Carmel Camilleri, uffiċjal fl-Awtorità tal-Artijiet fir-rigward tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri, liema nota ġiet ippreżentata fil-proċeduri li nżammu quddiem l-EPRT.[10]

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

8. Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2022, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

[5] *A fol.* 24 *et seq* tal-proċess.
[6] *A fol.* 34 tal-proċess.
[7] *A fol.* 35 tal-proċess.
[8] *A fol.* 37 tal-proċess.
[9] *A fol.* 38 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 54 tal-proċess.

9. Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

10. Permezz tar-rikors tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jippruvaw iżommu lill-intimati milli jew huma stess jew permezz ta' terzi, ikomplu jħaffru, jibnu, jiżviluppaw jew iwettqu xogħlijiet f'sit ġewwa tal-Ibraġġ, liema sit kien preċedentement okkupat mil-lukanda Halland, skont il-permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, u dan sakemm il-mertu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti jiġi deċiż f'kawża appożita. Ġie spjegat li l-Assoċjazzjoni rikorrenti tieħu ħsieb, tamministra u tirrappreżenta l-interessi tas-sidien tal-kumpless magħruf bħala 'Tal-Ibraġġ Complex', u r-rikorrent l-ieħor, il-Perit Cachia Fearne jgħix fl-istess akkwati fejn is-soċjetà intimata qegħda tibni l-proġett ta' żvilupp tagħha. Ir-rikorrenti spjegaw li huma appellaw miż-żewġ permessi maħruġa, u l-appelli għadhom pendenti quddiem l-EPRT. Ir-rikorrenti qalu li fil-fehma tagħhom hemm raġunijiet li jiġġustifikaw it-tħassir tal-permess għal dan l-iżvilupp, u għalhekk huma talbu lit-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permessi sakemm jinqatgħu l-appelli li hemm pendenti. Ir-rikorrenti sostnew li f'każ li dawn ix-xogħlijiet jitħallew ikomplu, ser ikun ferm diffiċli li dawn jitreġġgħu lura. Ir-rikorrenti spjegaw li ladarba t-talba tagħhom għas-sospensjoni tax-xogħlijiet ma ntlaqgħetx, l-intimati komplew bix-xogħol fuq il-proġett, liema xogħol jinvolvi tqattigħ ta' blat fil-wied u f'art proprjetà tal-Gvern ta' Malta, kif ukoll fuq art li taqa' 'l barra mill-konfini tal-iżvilupp, kif ukoll sar xogħol ta' tqegħid ta' pedamenti u ta' mili bil-konkos fuq

l-istess art. Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-intimati ma kinux veritiera fid-dikjarazzjoni dwar il-proprjetà tal-art, għaliex parti mill-iżvilupp qegħda isir f'art pubblika, jew fuq art li mhijiex proprjetà tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti spjegaw li dan seħħ billi waqt il-bini tal-lukanda Halland, il-ħitan tal-konfini tal-lukanda ma nbnewx fuq il-konfini reali tal-art, u għalhekk il-bini tal-lukanda estenda għal fuq art li ma kinitx inkluża fl-akkwist tal-art maħsuba għall-iżvilupp tal-lukanda. Ir-rikorrenti qalu li fil-pjanti annessi mal-applikazzjoni tal-intimati hemm inkluż art li mhijiex tad-soċjetà intimata, kif ukoll wesgħa art li tagħmel parti minn wied protett, u fl-applikazzjoni tagħhom l-intimati inkorporaw bċejjeċ sostanzjali ta' art pubblika. Ir-rikorrenti qalu li dan huwa proġett irriversibbli, u huwa għalhekk li huma qegħdin ifittxu li jinħareġ dan il-mandat ta' inibizzjoni.

11. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li f'dan il-każ ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jiġifieri r-rikorrenza ta' fatt li qegħda tagħmel is-soċjetà intimata li jista' jikkawża ħsara lir-rikorrenti, illi jkun jidher 'prima facie' li r-rikorrenti għandhom id-dritt li jimpedixxu lis-soċjetà intimata li tagħmel dik il-ħaġa li biha tista' tikkawżalhom ħsara jew molestja, u l-ħtieġa tal-mandat biex jiġi kkonservat id-dritt tar-rikorrenti. Is-soċjetà intimata qalet li hija s-sid tas-sit kollu fejn kienet tinsab mibnija l-lukanda Halland, u wara li fl-2018 l-Awtorità tal-Ippjanar tatha permess biex twaqqa' u tiżviluppa dan is-sit f'kumpless ta' garaxxijiet u appartamenti, is-soċjetà intimata tablet li jsiru modifiki għall-permess oriġinali approvat. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrenti appellaw kemm mill-permess kif oriġinarjament approvat, kif ukoll mill-permess li nħareġ

wara li hija tablet li jsiru xi modifiki, u ż-żewġ appelli għadhom pendenti. Qalet wkoll li fit-8 ta' April, 2019 hija infurmat lill-Awtorità tal-Ippjanar li kienet ser tibda bix-xogħol, li kien jinvolvi t-twaqqigħ tal-lukanda u t-tħaffir tal-blat, u minn April tal-2019 sal-lum, ix-xogħol fuq is-sit baqa' għaddej b'ritmu kostanti, bit-tlestija tat-tħaffir u tal-pedamenti, u bl-istadju li jmiss li jinvolvi t-tisqif tal-*basement.* Is-soċjetà intimata qalet wkoll li t-Tribunal iddeċieda li ċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għas-sospensjoni tax-xogħol, bl-ebda mod m'hija ser tikkawża ħsara irriversibbli, u r-rikorrenti diġà eżawrew ir-rimedji li tagħti l-liġi speċjali, u sostniet li l-uniku mezz li għandhom ir-rikorrenti biex jattakkaw il-permess huwa *ai termini* tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet wkoll li l-użu tal-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni biex ir-rikorrenti jitolbu sospensjoni tax-xogħlijiet, hija legalment improponibbli, u staqsiet fejn huwa l-jedd *prima facie* li qiegħed jiġi kawtelat mir-rikorrenti. L-intimata eċċepiet li l-permess tal-iżvilupp joħloq relazzjoni bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-applikant, iżda tali permess ma joħloq l-ebda dritt jew obbligu favur terzi. Qalet wkoll li d-dritt li qegħdin jivvantaw ir-rikorrenti għandu jiġi eżerċitat mill-Gvern ta' Malta, iżda f'dan il-każ il-Gvern m'hu jivvanta l-ebda dritt ta' proprjetà fuq is-sit mertu ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà intimata sostniet li s-sit in kwistjoni huwa proprjetà tagħha fl-intier tiegħu, u l-*footprint* tal-ħajt diviżorju tal-lukanda li twaqqgħet, u l-*footprint* tas-sit mertu tal-applikazzjoni tal-intimata, huma identiċi. Hawn il-Qorti tirrileva li l-lanjanza tar-rikorrenti mhijiex li l-iżvilupp propost mis-soċjetà intimata qiegħed jestendi 'l barra mill-konfini ta' fejn kienet il-lukanda Halland qabel twaqqgħet, iżda li meta ġiet żviluppata l-lukanda, din inbniet 'il barra mill-konfini tal-art li ġiet akkwistata mill-iżviluppaturi tagħha dak iż-żmien. Is-soċjetà intimata tistaqsi għal liema raġuni r-rikorrenti stennew

li jitlesta l-iskavar u x-xogħol jaqbad ċertu ritmu qabel ressqu t-talba tagħhom biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni. Is-soċjetà intimata qalet li l-mandat mhuwiex maħsub biex jikkonserva l-istat tas-sit qabel inbdew ix-xogħlijiet, għaliex din ma kinitx art verġni, iżda art *committed* bil-bini tal-lukanda li kien hemm fuqha qabel inbeda l-proġett minnha. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li dan ix-xogħol mhuwiex irriversibbli, għaliex is-sit jista' jitreġġa' lura fl-istat li kien fih qabel, u għalhekk ir-rekwiżit tal-irrimedjabbilità tal-preġudizzju mhuwiex sodisfatt.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

12. Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

13. Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

14. Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(i) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[11]

(ii) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[12]:

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."*

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwat. F'deċiżjonijiet oħrajn il-

---

[11] Ara f'dan is-sens Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfre, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u 40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar, P.A., 02.11.2010.
[12] P.A., 13.05.2014.

Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli, u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> *"… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".*

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna fosthom, *'inter alia'*, fid-digrieti fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru. 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited.**

(iii) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[13] ppronunzjat is-segwenti:

> *"… huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

[13] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

15. Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

16. Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà, u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probabbilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan huwa konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop huwa li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hijiex tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

17. Mal-imsemmija tliet elementi esplicitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(iv) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> *"Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*[14]

(v) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[15]

---

[14] P.A., 25.01.2005.
[15] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

(vi) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[16]

**Ikkunsidrat:**

18. Illi permezz tal-proċeduri odjerni, il-Qorti qegħda tintalab tikkawtela l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti, billi żżomm lis-soċjetà intimata milli tkompli tiżviluppa is-sit, preċedentement okkupat mill-Halland Hotel f'Tal-Ibraġġ, u dan għaliex ir-rikorrenti jsostnu li dawn ix-xogħlijiet qegħdin isiru fuq art li parti minnha hija proprjetà pubblika, jew art li mhijiex proprjetà tas-soċjetà intimata. In sostenn ta' din l-allegazzjoni tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw diversi dokumenti fosthom pjanti tas-sit kif kien fl-1958, *aerial photographs* tas-sit qabel inbniet il-lukanda in kwistjoni, kif ukoll provi dokumentarji oħra li fil-fehma tar-rikorrenti huma sufficjenti biex isostnu l-allegazzjoni tagħhom li s-soċjetà intimata qegħda teżegwixxi l-imsemmi żvilupp fuq art li mhijiex tagħha kollha kemm hi. Ir-rikorrenti jallegaw li l-iżviluppatur tal-lukanda kien estenda l-konfini tal-bini 'il barra mill-art mixtrija għall-iżvilupp, bil-konsegwenza li issa s-soċjetà intimata qed twettaq l-iżvilupp tagħha fuq art li ma kinitx inkluża fl-akkwist tas-sidien preċedenti tal-lukanda. Huwa għalhekk li issa r-rikorrenti qegħdin jippruvaw iwaqqfu l-iżvilupp li nbeda fuq is-sit, u li kif jirriżulta mill-provi ilu għaddej b'ċertu ritmu għal dawn l-aħħar tliet snin u nofs.

[16] Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited, P.A. kif hawn preseduta, 27.12.16.

19. Illi filwaqt li f'dan l-istadju din il-Qorti m'għandhiex u mhijiex ser tidħol fil-mertu ta' dak li qegħdin jallegaw ir-rikorrenti, tqis illi d-deċiżjoni dwar l-mertu finalment trid tkun studjata u bbażata fuq ferm aktar minn sempliċi *aerial photos* u d-dokumentazzjoni li ġiet esebita f'dawn il-proċeduri. Fost l-oħrajn irid jiġi kkonsidrat kemm kienet ilha mibnija l-lukanda in kwistjoni, u jekk qatt matul iż-żmien ġiet ivvantata xi pretensjoni minn terzi fir-rigward tal-estent tal-art li kienet tokkupa din il-lukanda. Mad-daqqa t'għajn, u abbażi ta' dak li jallegaw r-rikorrenti fir-rikors tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat, jidher li l-aktar entità li żgur għandu jkollha l-interess tippromwovi kawża bħal din, hija l-Awtorità tal-Artijiet, u ċertament li l-pożizzjoni li tieħu din l-Awtorità f'kawża fil-mertu dwar it-titolu tal-intimata fuq l-art, għandu jkollha piż deċiżiv fuq il-kwistjoni tat-titolu. Ir-rikorrenti jispjegaw li huma qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħala persuni li jgħixu fl-akkwati tal-imsemmi żvilupp, u bħala membri tal-pubbliku li għandhom interess li art pubblika ma titteħidx għall-iżvilupp b'mod arbitrarju. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li safejn l-indikazzjonijiet huma li l-intimata għamlet dikjarazzjoni mhux veritiera fir-rigward tal-proprjetà tal-art, huma għandhom interess jitolbu l-ħruġ ta' dan il-Mandat abbażi ta' prinċipji ta' *public policy,* u dan għaliex permess li jinħareġ abbażi ta' dikjarazzjoni inveritiera rigward il-proprjetà tal-art, jista' jiġi annullat. Madankollu din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma seħħilhomx jippruvaw li mad-daqqa t'għajn huma għandhom xi jedd x'jikkawtelaw permezz ta' dan il-Mandat abbażi tal-allegazzjoni tagħhom li jista' jkun li s-soċjetà intimata mhijiex is-sid tal-art kollha li qegħda tiġi żviluppata minnha, li jmur oltre dak li jipprovdi l-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' din il-liġi speċjali, il-leġislatur ikkostitwixxa tribunal (l-EPRT) sabiex jisma' u jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' permessi ta'

żvilupp, u pprovda wkoll għal proċedura kawtelatorja speċjali għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permess pendenti l-eżitu tal-appell [l-artikolu 33 tal-Kap. 551]. Din il-liġi speċjali tipprovdi li persuna li qed toġġezzjona għal żvilupp tista' titlob għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess, liema talba tista' tiġi milqugħha biss (i) f'każ li jiġi ppruvat li jekk il-permess ma jiġix sospiż, il-preġudizzju kkawżat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-preġudizzju li jista' jiġi kkawżat jekk il-permess jiġi sospiż; u (ii) jekk l-iżvilupp ma jistax jiġi faċilment imneħħi jew imqiegħed lura fl-istat li kien qabel dak l-iżvilupp. Huwa evidenti li r-rikorrenti ma jistgħux jirrikorru għad-disposizzjonijiet ta' liġi ġenerali [il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta] sabiex jidderogaw mill-parametri speċifiċi ta' liġi speċjali li minnha biss joħroġ il-jedd tar-rikorrenti li joġġezzjonaw għall-permessi in kwistjoni, u li *ai termini* tagħha biss jistgħu jikkawtelaw dak il-jedd skont il-proċedura kawtelatorja speċjali pprovduta taħt dak l-Att għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permessi. Għaliex altrimenti l-prinċipju legali *lex specialis derogat lex generalis* ikun qed jinqaleb ta' taħt fuq.

20. Din il-Qorti qieset ukoll il-kwistjoni tal-irrimedjabbilità tal-preġudizzju li jistgħu isofru r-rikorrenti f'każ li l-soċjetà intimata titħalla tkompli bil-proġett tagħha. Ir-rikorrenti jgħidu li jkun aħjar li s-soċjetà intimata tiġi mwaqqfa f'dan l-istadju milli tkompli bil-proġett tagħha, għaliex aktar ma jgħaddi żmien u aktar ma jsir xogħol fuq il-proġett, aktar ser ikun diffiċli li s-sit jitreġġa' lura għall-istat li kien fih qabel sar xi forma ta' żvilupp fuqu. Imma l-Qorti tqis li ladarba l-ilment tar-rikorrenti huwa li anki l-bini tal-lukanda kif kien, kien 'il barra mill-konfini tal-art li ġiet akkwistata mill-iżviluppaturi tagħha, il-pretensjoni tar-rikorrenti f'dan l-istadju hija li s-sit jitreġġa' lura għall-istat li kien fih qabel il-bini tal-

lukanda. Imma din ċertament mhijiex kwistjoni li għandha tiġi determinata fi proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, għaliex anki li kieku l-Qorti kellha tordna l-waqfien mix-xogħol f'dan l-istadju, l-art li diġà tħammlet u li fuqha tlestew il-pedamenti għall-kumplament tal-bini, xorta waħda ma tistax titreġġa' lura għall-istat pristin li kienet fih qabel inbniet il-lukanda. Barra minn hekk, dejjem hemm il-possibilità li f'każ li jiġi deċiż li l-iżvilupp in kwistjoni qiegħed isir in parti fuq art li ma ġietx akkwistata mill-iżviluppaturi tal-lukanda, il-Qorti li eventwalment tiddeċiedi dwar il-mertu, tista' tordna li jsiru xogħlijiet rimedjali sabiex l-art tiġi vvakata u rritornata lis-sidien proprji tagħha.

21. Għalhekk din il-Qorti tqis illi dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti permezz ta' din il-proċedura ma jistax jintlaqa', għaliex la jidher li jeżisti l-jedd *prima facie* tar-rikorrenti oltre dak li jipprovdi l-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, u anki għaliex ma jirriżulta lanqas il-preġudizzju li ma jistax jiġi rimedjat f'każ li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tiġix milqugħha. Il-Qorti mhijiex konvinta li mingħajr il-ħruġ tal-mandat, hemm xi jedd tar-rikorrenti li ser jintilef darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Il-Qorti tirrileva li din id-deċiżjoni qegħda tingħata limitatament fir-rigward tat-talba li saritilha biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni, u b'daqshekk m'hija qed tippronunzja ruħha bl-ebda mod dwar il-mertu.

<u>**Decide**</u>

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti biex jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni, u għalhekk qegħda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2022.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tar-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fid-29 ta' Settemmbru, 2022.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**